MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 156/2010

Kawza fil-lista: 65

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet it-tifla E fl-4 ta' Gunju 2007 li giet registrata bhala wild ta' missier mhur maghruf; li l-attur huwa l-missier bijologiku tat-tifla; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri E D mwielda nhar l-4 ta' Gunju 2007;

2. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri E D billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem *'unknown father'* u tissostitwih f' isem ir-rikorrenti u d-dettalji tieghu u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta' ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b' dawk il-partikolaritajiet tar-rikorrent li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna l-korrezzjoni f' kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid.

4. Bl-ispejjez kontra l-intimata, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, wara li rrefera ghall-artikolu 100A tal-Kap.16, irrimetta ruhu ghar-rizultanzi processwali;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li biha eccepiet li hi qatt ma oggezzjonat li l-attur jirrikonoxxi lit-tifla bhala bintu, u di fatti kienet lesta li tiffirma l-att tar-rikonoxximent li pero' baqa' ma giex iffirmat minn naha ta' l-attur minhabba dizgwid fuq l-access;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla E li twieldet mill-konvenuta fl-4 ta' Gunju 2007 u li fuq l-att tat-twelid taghha giet registrata bhala bint missier mhux maghruf, hija fil-fatt il-wild naturali tieghu.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li f' Gunju 2005 l-attur dahal f' relazzjoni esklussiva mal-konvenuta C D u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla E fid-data fuq indikata. Tmien xhur wara t-twelid tat-tifla r-relazzjoni giet terminata.

Il-konvenuta tistqarr li t-tifla hija wild l-attur stante li r-relazzjoni taghha mieghu kienet wahda esklussiva.

Illi r-rapport xjentifiku jikkorroboraw din it-tezi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, u tiddikjara li t-tifla E li twieldet mill-konvenuta C D fl-4 ta' Gunju 2007 hija l-wild naturali u bijologika ta' l-attur A B; u ghalhekk tordna l-korrezzjoni ta' l-imsemmi att tat-twelid, fit-termini tat-tieni talba.

Spejjez a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta proprio konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------